2024/2906

19.11.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/2906

tal-14 ta' Novembru 2024

dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-fond, li tispeċifika l-limitu massimu għall-2026, l-ammont annwali għall-2025, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali għall-2025 u previżjoni mhux vinkolanti indikattiva għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2027 u 2028

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar ta' għajnuna mill-Unjoni Ewropea taħt il-qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, f'konformità mal-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u t-Territorji Extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2), flimkien mal-Artikolu 14(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Bank Ewropew tal-Investiment ("BEI") għandu jibgħat lill-Kummissjoni l-istimi aġġornati tiegħu tal-impenji u tal-pagamenti taħt l-istrumenti li jimmaniġġa.

(2) F'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) 2018/1877, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta sal-15 ta' Ottubru 2024 li tispeċifika l-ammont tal-limitu massimu tal-kontribuzzjoni għall-2026, l-ammont annwali tal-kontribuzzjoni għall-2025, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali tal-kontribuzzjoni għall-2025 u previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija tal-kontribuzzjonijiet għas-snin 2027 u 2028.

(3) Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2018/1877, sejħiet għal kontribuzzjonijiet għandhom l-ewwel jużaw l-ammonti previsti fil-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp ("FEŻ") preċedenti. Għalhekk, jenħtieġ li ssir sejħa għall-fondi skont ir-Regolament (UE) 2018/1877 għall-Kummissjoni u għall-BEI.

(4) Skont l-Artikolu 152 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ([3]) (il-"Ftehim dwar il-Ħruġ"), ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") jibqa' Parti għall-FEŻ sal-għeluq tal-11-il FEŻ u ta' kull FEŻ preċedenti li għadu mhux magħluq. Madankollu, skont l-Artikolu 153 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, is-sehem tar-Renju Unit f'fondi diżimpenjati minn proġetti fl-ambitu tal-11-il FEŻ, meta dawn il-fondi jkunu ġew diżimpenjati wara l-31 ta' Diċembru 2020, jew Fondi Ewropej għall-Iżvilupp preċedenti, ma għandux jintuża mill-ġdid.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2586 ([4]) tistabbilixxi l-limitu massimu għall-ammont annwali tal-kontribuzzjoni li għandha titħallas mill-partijiet għall-FEŻ għall-2025 għal EUR 800 000 000 għall-Kummissjoni u għal EUR 9 000 000 għall-BEI.

(6) Sabiex ikunu jistgħu jiġu applikati minnufih il-miżuri li tipprevedi, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

([1]) ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-regolament finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u li jħassar ir-Regolament (UE) 2015/323ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1
([3]) ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7.
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2023/2586 tat-13 ta' Novembru 2023 dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp għall-finanzjament ta' dak il-fond, li jispeċifika l-limitu massimu għall-2025, l-ammont annwali għall-2024, l-ammont tal-ewwel pagament parzjali għall-2024 u previżjoni indikattiva, mhux vinkolanti għall-ammonti annwali mistennija ta' kontribuzzjonijiet għas-snin 2026 u 2027 (ĠU L, 2023/2586, 15.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/2586/oj).

Artikolu 1

Il-limitu massimu għall-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu mill-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) għall-2026 huwa b'dan stabbilit għal EUR 700 000 000 għall-Kummissjoni.

Artikolu 2

L-ammont annwali tal-kontribuzzjonijiet li għandu jitħallas mill-partijiet għall-FEŻ għall-2025 huwa b'dan stabbilit għal EUR 809 000 000. Dan għandu jitħallas kif ġej:

(a) għall-Kummissjoni, EUR 800 000 000; u

(b) għall-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), EUR 9 000 000.

Artikolu 3

L-ammont tal-kontribuzzjonijiet li għandu jitħallas mill-partijiet għall-FEŻ bħala l-ewwel pagament parzjali għall-2025 huwa b'dan stabbilit għal EUR 359 000 000. Dan għandu jitħallas kif ġej:

(a) għall-Kummissjoni, EUR 350 000 000; u

(b) għall-BEI, EUR 9 000 000.

Artikolu 4

L-ammont ta' EUR 6 300 000 minn fondi mhux impenjati jew diżimpenjati mill-proġetti fl-ambitu tad-Disa' FEŻ għandu jiġi rimborżat permezz ta' tnaqqis fil-pagament tal-ewwel pagament parzjali għall-2025 stipulat fl-Artikolu 3.

Artikolu 5

Il-previżjoni mhux vinkolanti indikattiva għall-ammont annwali mistenni ta' kontribuzzjonijiet għall-2027 hija b'dan stabbilita għal EUR 500 000 000 għall-Kummissjoni u għal EUR 0 għall-BEI. Il-previżjoni indikattiva mhux vinkolanti għall-ammont annwali mistenni ta' kontribuzzjonijiet għall-2028 hija b'dan stabbilita għal EUR 400 000 000 għall-Kummissjoni u għal EUR 0 għall-BEI.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Novembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

BÓKA J.

ANNESS

L-ewwel pagament parzjali tal-2025 (f'EUR) li għandu jitħallas lill-Kummissjoni u lill-BEI

L-ISTATI MEMBRI U R-RENJU UNIT	Il-kjavi tad-9 FEŻ (%)	Il-kjavi tal-11-il FEŻ (%)	Il-Kummissjoni			Il-BEI	Il-Kummissjoni + il-BEI
			Il-11-il FEŻ	Ir-rifużjoni mid-9 FEŻ	Il-11-il FEŻ bit-tnaqqis tar-Rifużjoni tad-9 FEŻ	Il-11-il FEŻ	L-ammont totali għall-ewwel pagament parzjali tal-2025
Il-BELĠJU	3,92	3,24927	11 372 445	246 960	11 125 485	292 434	11 417 919
IL-BULGARIJA		0,21853	764 855	0	764 855	19 668	784 523
IĊ-ĊEKJA		0,79745	2 791 075	0	2 791 075	71 771	2 862 846
ID-DANIMARKA	2,14	1,98045	6 931 575	134 820	6 796 755	178 241	6 974 996
IL-ĠERMANJA	23,36	20,57980	72 029 300	1 471 680	70 557 620	1 852 182	72 409 802
L-ESTONJA		0,08635	302 225	0	302 225	7 772	309 997
L-IRLANDA	0,62	0,94006	3 290 210	39 060	3 251 150	84 605	3 335 755
IL-GREĊJA	1,25	1,50735	5 275 725	78 750	5 196 975	135 662	5 332 637
SPANJA	5,84	7,93248	27 763 680	367 920	27 395 760	713 923	28 109 683
FRANZA	24,30	17,81269	62 344 415	1 530 900	60 813 515	1 603 142	62 416 657
IL-KROAZJA		0,22518	788 130	0	788 130	20 266	808 396
L-ITALJA	12,54	12,53009	43 855 315	790 020	43 065 295	1 127 708	44 193 003
ĊIPRU		0,11162	390 670	0	390 670	10 046	400 716
IL-LATVJA		0,11612	406 420	0	406 420	10 451	416 871

L-ISTATI MEMBRI U R-RENJU UNIT	Il-kjavi tad-9 FEŻ (%)	Il-kjavi tal-11-il FEŻ (%)	Il-Kummissjoni			Il-BEI	Il-Kummissjoni + il-BEI
			Il-11-il FEŻ	Ir-rifużjoni mid-9 FEŻ	Il-11-il FEŻ bit-tnaqqis tar-Rifużjoni tad-9 FEŻ	Il-11-il FEŻ	L-ammont totali għall-ewwel pagament parzjali tal-2025
IL-LITWANJA		0,18077	632 695	0	632 695	16 269	648 964
IL-LUSSEMBURGU	0,29	0,25509	892 815	18 270	874 545	22 958	897 503
L-UNGERIJA		0,61456	2 150 960	0	2 150 960	55 310	2 206 270
F'MALTA		0,03801	133 035	0	133 035	3 421	136 456
IN-NETHERLANDS	5,22	4,77678	16 718 730	328 860	16 389 870	429 910	16 819 780
L-AWSTRIJA	2,65	2,39757	8 391 495	166 950	8 224 545	215 781	8 440 326
IL-POLONJA		2,00734	7 025 690	0	7 025 690	180 661	7 206 351
IL-PORTUGALL	0,97	1,19679	4 188 765	61 110	4 127 655	107 711	4 235 366
IR-RUMANIJA		0,71815	2 513 525	0	2 513 525	64 634	2 578 159
IS-SLOVENJA		0,22452	785 820	0	785 820	20 207	806 027
IS-SLOVAKKJA		0,37616	1 316 560	0	1 316 560	33 854	1 350 414
IL-FINLANDJA	1,48	1,50909	5 281 815	93 240	5 188 575	135 818	5 324 393
L-IŻVEZJA	2,73	2,93911	10 286 885	171 990	10 114 895	264 520	10 379 415
IR-RENJU UNIT (*)	12,69	14,67862	51 375 170	799 470	50 575 700	1 321 076	51 896 776
TOTALI UE-27 U R-RENJU UNIT	100,00	100,00	350 000 000	6 300 000	343 700 000	9 000 000	352 700 000

(*) Abbażi tal-Artikolu 153 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, ir-Renju Unit talab formalment f'Marzu 2023 li l-Kummissjoni tagħti rifużjoni tas-sehem pendenti tiegħu tar-riżervi tal-10 u tal-11-il FEŻ, billi tpaċi l-kontribuzzjoni pendenti tar-Renju Unit. Din it-tpaċija se tkun riflessa fl-istruzzjonijiet ta' pagament rispettivi.

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2906/oj